# MUDELL TAL-ATTESTAZZJONI PRIVATA MILL-OPERATUR LI JDAĦĦAL FL-UNJONI PRODOTTI KOMPOSTI STABBLI FUQ L-IXKAFFA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 14 TAR-REGOLAMENT (UE) 2019/625

**IR-RENJU UNIT**

**Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| | |
|---|---|
| **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Attestazzjoni** — **I.2a** |
| **I.5 Konsenjatarju/Importatur** [7]<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.7 Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.8 Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi |
| **I.11 Post tad-dispaċċ** — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** |
| **I.15 Mezz tat-trasport**<br>☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment<br>☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali |
| **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** ☐ Ambjentali ☐ Imkessħa. | |
| **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | |
| **I.20 Iċċertifikat bħala jew għal**<br>☒ Prodotti għall-konsum mill-bniedem | |
| | **I.22** ☒ **Għas-suq intern** |

| **I.24 Għadd totali ta' pakketti** | **I.25** | **I.26 Piż nett/piż gross totali (f'kg)** |
|---|---|---|
| | | |

**I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna**

**1**

| **Kodiċi NM** | Natura tal-komodità | Impjant tal-manifattura | Piż nett | Għadd ta' pakketti |
|---|---|---|---|---|
| Tip ta' imballaġġ | Nru tal-lott | Data tal-produzzjoni | | Konsumatur finali ☐ |

**2**

| **Kodiċi NM** | Natura tal-komodità | Impjant tal-manifattura | Piż nett | Għadd ta' pakketti |
|---|---|---|---|---|
| Tip ta' imballaġġ | Nru tal-lott | Data tal-produzzjoni | | Konsumatur finali ☐ |

**3**

| **Kodiċi NM** | Natura tal-komodità | Impjant tal-manifattura | Piż nett | Għadd ta' pakketti |
|---|---|---|---|---|
| Tip ta' imballaġġ | Nru tal-lott | Data tal-produzzjoni | | Konsumatur finali ☐ |

**4**

| **Kodiċi NM** | Natura tal-komodità | Impjant tal-manifattura | Piż nett | Għadd ta' pakketti |
|---|---|---|---|---|
| Tip ta' imballaġġ | Nru tal-lott | Data tal-produzzjoni | | Konsumatur finali ☐ |

**5**

| **Kodiċi NM** | Natura tal-komodità | Impjant tal-manifattura | Piż nett | Għadd ta' pakketti |
|---|---|---|---|---|
| Tip ta' imballaġġ | Nru tal-lott | Data tal-produzzjoni | | Konsumatur finali ☐ |

**Parti II: Attestazzjoni**

**II. Informazzjoni dwar is-saħħa**

Jien, hawn taħt iffirmat, ………………………………………………………………………………………………..

(*isem, indirizz, u d-dettalji sħaħ tal-importatur*)

bħala rappreżentant tal-operaturi importaturi tan-negozju tal-ikel tal-kunsinna tal-prodotti komposti deskritti fil-Parti I niddikjara li l-prodotti komposti akkumpanjati minn din l-attestazzjoni:

1. jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli msemmija fl-Artikolu 126(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)[A];
2. ma għandhomx għalfejn jinħażnu jew jiġu trasportati f'temperatura kkontrollata, sakemm il-prodott kompost stabbli fuq l-ixkaffa ma jkunx jeħtieġ li jiġi trasportat imkessaħ għal raġunijiet ta' kwalità organolettika;
3. ma fihom ebda prodott ibbażat fuq il-kolostru u l-ebda laħam ipproċessat għajr ġelatina[(3)], kollaġen[(3)] jew prodotti raffinati ħafna[(3)] msemmija fl-Anness III, it-Taqsima XVI tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[B];
4. fihom il-lista li ġejja ta' ingredjenti ta' oriġini mill-pjanti u ta' prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali[(1)]: ………………………………………………………………………………………………..;
5. fihom prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali, li għalihom ir-rekwiżiti huma stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, li joriġinaw mill-istabbiliment(i) approvat(i) li ġej/ġejjin[(2)]: …………………………………………………..……………………………………………………..;
6. fihom prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali li joriġinaw, bl-eċċezzjoni tal-ġelatina, tal-kollaġen u tal-prodotti raffinati ħafna elenkati fit-Taqsima XVI, il-punt 1, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati li jesportaw kull prodott ipproċessat ta' oriġini mill-annimali lejn l-Unjoni kif elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/KE[C] jew minn Stat Membru tal-UE;
7. joriġinaw minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati li jesportaw prodotti tal-laħam, prodotti tal-ħalib, prodotti tas-sajd jew prodotti tal-bajd lejn l-Unjoni abbażi tar-rekwiżiti tal-Unjoni dwar is-saħħa pubblika u tal-annimali u li huma elenkati mill-inqas għal wieħed minn dawn il-prodotti ta' oriġini mill-annimali skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405[D] jew ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404[E] u inklużi fil-lista stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE għall-ispeċi/komodità li minnha huma derivati l-prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali li jinsabu fil-prodotti komposti, bl-eċċezzjoni tal-kollaġen, tal-ġelatina u tal-prodotti raffinati ħafna elenkati fit-Taqsima XVI, il-punt 1, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
8. ġew prodotti fi stabbiliment li jissodisfa standards tal-iġjene rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[F];
9. ġew prodotti taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[G], u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006[H];
10. fihom prodott tal-ħalib[(3)], li:

    [(3)(4)] *jew* ma għaddewx minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju previst fl-Anness XXVII tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692[I];

    [(3)(5)] *jew* għaddew minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju previst fil-kolonna A jew B tat-tabella stabbilita fl-Anness XXVII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

    [(3)(6)] *jew* għaddew minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju li hu tal-inqas ekwivalenti għal wieħed mit-trattamenti previsti fil-kolonna B tat-tabella stabbilita fl-Anness XXVII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;
11. fihom prodotti tal-bajd, li għaddew minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju li jkun tal-anqas ekwivalenti għal wieħed mit-trattamenti previsti fl-Anness XXVIII tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692[(3)].

**Noti**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'din l-attestazzjoni jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

**Parti I:**

| | |
|---|---|
| Kaxxa ta' referenza I.6: | Mhux obbligatorju fil-każ ta' prodotti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera. |
| Kaxxa ta' referenza I.13: | Mhux obbligatorju fil-każ ta' prodotti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera. |
| Kaxxa ta' referenza I.15: | Mhux obbligatorju fil-każ ta' prodotti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera. |
| Kaxxa ta' referenza I.16: | Mhux obbligatorju fil-każ ta' prodotti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera. |
| Kaxxa ta' referenza I.18: | Indika mkessħa meta l-prodott kompost stabbli fuq l-ixkaffa jkun qed jiġi trasportat f'temperatura kkontrollata għal raġunijiet ta' kwalità organolettika. |

[G] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

[H] Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali *(ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).*

[I] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

[J] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

[K] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

[L] Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

[M] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

[N] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

[O] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

| | |
|---|---|
| Kaxxa ta' referenza I.19: | Mhux obbligatorju fil-każ ta' prodotti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera. |
| Kaxxa ta' referenza I.27: | Jekk l-attestazzjoni privata tkopri diversi prodotti komposti, id-deskrizzjoni tal-oġġetti fil-Kaxxa I.27 trid tiġi ppreżentata b'mod ċar u separat għal kull prodott kompost (linja waħda għal kull prodott). |
| Deskrizzjoni tal-kunsinna: | "*Tip ta' imballaġġ*": Indika t-tip ta' imballaġġ skont id-definizzjoni mogħtija fir-Rakkomandazzjoni Nru 21 (9) tal-UN/CEFACT (Ċentru tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iffaċilitar tal-Kummerċ u għan-Negozju Elettroniku).<br>"*Piż nett*": Indika l-massa ta' kull prodott kompost kopert mill-attestazzjoni privata. Dik id-*data* hija meħtieġa biex jiġi kkalkulat il-piż nett totali fil-kaxxa I.26.<br>"*Impjant tal-manifattura*": Indika n-numru tar-reġistrazzjoni jew l-indirizz tal-impjant fejn isir il-prodott kompost finali. |

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu tal-importatur |
| Timbru | Firma |

(1) Jekk jogħġbok elenka l-ingredjenti f'ordni dixxendenti skont il-piż. Ir-raggruppament ta' ċerti ingredjenti skont jekk ikunux prodotti tal-ħalib, prodotti tas-sajd, prodotti tal-bajd, prodotti ta' oriġini mhux mill-annimali skont kif ikun rilevanti huwa permess.

(2) Jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment(i) li jkun/jkunu pproduċa/pproduċew il-prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali li jinsabu fil-prodott kompost u l-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu, jew l-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment approvat, kif previst fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, u indikat mill-operatur importatur tan-negozju tal-ikel.

(3) Żomm kif xieraq.

(4) Biss jekk:

(a) il-pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu tal-oriġini tal-prodott kompost (il-kodiċi ISO tal-pajjiż imdaħħal fil-Kaxxa I.7 tal-Parti I tal-attestazzjoni) huwa elenkat għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat u ta' prodotti tal-ħalib mhux soġġetti għal trattament għall-mitigazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404[J];

u

(b) l-istabbiliment approvat tal-oriġini tal-ħalib mhux ipproċessat jew tal-prodott tal-ħalib (indikat fil-punt 5 tal-Parti II tal-attestazzjoni) jinsab:

(i) f'pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu elenkati għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat u ta' prodotti tal-ħalib mhux soġġetti għal trattament għall-mitigazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404; jew

(ii) fl-Unjoni.

(5) Biss jekk:

(a) il-pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu tal-oriġini tal-prodott kompost (il-kodiċi ISO tal-pajjiż imdaħħal fil-Kaxxa I.7 tal-Parti I tal-attestazzjoni) huwa elenkat għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-ħalib soġġetti għal trattament għall-mitigazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Anness XVIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404;

u

(b) l-istabbiliment approvat tal-oriġini tal-ħalib mhux ipproċessat jew tal-prodott tal-ħalib (indikat fil-punt 5 tal-Parti II tal-attestazzjoni) jinsab:

(i) f'pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu elenkati għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat u/jew ta' prodotti tal-ħalib f'konformità mal-Anness XVII jew XVIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404; jew

(ii) fl-Unjoni.

(6) Jekk:

(a) il-pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu tal-oriġini tal-prodott kompost (il-kodiċi ISO tal-pajjiż imdaħħal fil-Kaxxa I.7 tal-Parti I tal-attestazzjoni) mhuwiex elenkat għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat u/jew ta' prodotti tal-ħalib fl-Annessi XVII jew XVIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404;

u

(b) l-istabbiliment approvat tal-oriġini tal-prodott tal-ħalib (indikat fil-punt 5 tal-Parti II tal-attestazzjoni) jinsab:

(i) f'pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu elenkati għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat u/jew ta' prodotti tal-ħalib f'konformità mal-Anness XVII jew XVIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404; jew

(ii) fl-Unjoni.

(7) Importatur: Rappreżentant tal-operaturi importaturi tan-negozju tal-ikel kif stabbilit fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

---

[J] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).